MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 195/2006

**Maltacom plc (C 22334) u b'digriet tat-3 ta` Dicembru, 2007, isem is-socjeta` attrici gie korrett ghal Go p.l.c.**

**Vs**

**Philip Agius & Sons Ltd (C 35991)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Marzu, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u tnejn u tmenin lira, erbgha u tletin centezmu (Lm382.34), rapprezentanti valur ta` hsarat ikkagunati ghad-dannu tas-socjeta` attrici gewwa Triq l-Istamnar,

Qawra nhar it-2 ta` April, 2004, kif jirrizulta minn fattura ezebita Dok. A.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 11 ta` April, 2006, fejn allegat li kienet l-istess socjeta` attrici li kellha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba negligenza adoperata minn rapprezentant taghha stess. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

It-Tribunal ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tar-rispettivi partijiet u ha konjizzjoni tan-nota ta` referenzi pprezentata mid-difensur ta` l-attur waqt it-trattazzjoni tieghu.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami ma hux qed jigi kontestat il-fatt li l-cable kien intlaqat minn haddiema tas-socjeta` konvenuta u li fil-fatt gratlu l-hsara kif reklamat mill-istess socjeta` attrici. Il-kontestazzjoni f'dan il-kaz hija fis-sens li s-socjeta` konvenuta qieghdha tallega li r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici certu Carmel Azzopardi kien immarka b'mod erroneju mnejn kien ghaddejjin il-cables taghha u ghalhekk il-hsara grat minhabba dan il-fattur biss u mhux minhabba xi negligenza adoperata minn haddiema tal-konvenut waqt ix-xogholijiet. Din l-allegazzjoni kienet tresqet mill-ewwel *a tempo vergine* ma` l-Pulizija kif jirrizulta rapportat a fol. 4 tal-process.

Illi huwa minnu li t-thaffir isir a riskju tal-kuntrattur u li kwindi huwa ghandu joqghod attent ferm fl-ezercizzju tax-xoghol tieghu stante li huwa mistenni minghandu li ghandu jaghmel tajjeb ghal hsarat li jikkaguna. Huwa minnu wkoll li l-marki maghmula mill-ufficcjali tal-attur ghandhom jitqiesu bhala ndikazzjoni approssimattiva ta`

mnejn jinsabu ghaddejjin il-cables pero` b’dana kollu ma jfissirx li l-attur huwa ghal kollox ezenti minn kull responsabbilita` f’kaz li jirrizulta zball evidenti fil-marki tal-cables. Huwa proprju dan il-punt li ghandu jigi stabbilit o meno minn dan it-Tribunal mill-provi prodotti quddiemu. Illi ghalkemm diversi xhieda prodotti mill-attur jiddikjaraw bil-gurament taghhom illi l-cables kienu mmarkati sewwa, wiehed ghandu jara pero` x’qal u x`ghamel il-persuna kkoncernata u cioe` Carmel Azzopardi u mhux x’gie rappurtat lill-ufficcjali l-ohra ta` l-attur.

Is-Surgent Maggur 496 Godwin Borg xehed illi kien l-istess ufficcjal tas-socjeta` konvenuta li l-ewwel irrapporta l-kaz u li dan allega li l-cable li ntlaqat ma kienx immarkat. Mario Agius, direttur tas-socjeta` konvenuta jghid li kien iltaqa` ma` l-ufficcjal tal-Maltacom, certu Carmel Azzopardi fejn dan ta` l-ahhar indika mnejn kienu ghaddejjin il-cables biz-zebgha l-hadra. Ma` l-kors tax-xogholijiet kien jigi ta` kuljum overseer tal-Maltacom biex jiccekkja li x-xoghol kien qed isir sewwa. Il-cable li eventwalment ntlaqat ma kienx jinsab immarkat biz-zebgha l-hadra. Meta kkonfronta lil Azzopardi dwar dan in-nuqqas, skond Agius, dan ikkonferma li tassew il-cable ma kienx jinsab immarkat u r-raguni li nghatat kienet li dan il-cable ma kienx jinsab indikat fuq il-pjanti li kellu fil-file tieghu – anzi ma kellu ebda nformazzjoni dwaru. Di fatti lanqas ma ntalab li jsir pilot hole bhal ma jigri f’kaz ta` dubbju. Skond Agius, Carmel Azzopardi kien qallu li irrifjuta li jaghmlilhom affidavit dwar dan kif mitlub minnhom. Di fatti is-socjeta` attrici baqghet ma pprezentat ebda affidavit ta` l-istess Carmel Azzopardi, l-persuna l-aktar rilevanti ghall-kaz odjern.

Carmel Azzopardi overseer mas-socjeta` attrici jikkonferma s-segwenti:-

a) Huwa kien il-persuna li mmarka biz-zebgha hadra mnejn kienu ghaddejjin il-cables;
b) Kien iltaqa` ma` Mario Agius on site qabel ma beda x-xoghol u l-marki saru dak in-nhar;
c) Ma kellu ebda problemi biex jaghmel il-marki peress illi l-pjanti kienu tajbin u l-cables mghoddija kienu recenti;

d) In segwitu ta` l-incident mar on site u rrilaxxja r-rapport tieghu a fol. 17 tal-process mnejn jirrizulta li huwa qed jallega li cables gew immarkati tajba. Hawn it-Tribunal jinnota li l-kelma “correctly” fuq dan ir-rapport ma tidhirx li fiha l-istess kaligrafija bhal kumplament jew ta` lanqas ma tidhirx li giet miktuba fl-istess hin;
e) Ma setax jiftakar peress li jghid li kien ghadda z-zmien jekk il-cable li ntlaqat kienx fil-fatt immarkat minnu on site jew le. Jirrepeti biss li huwa mmarka tajjeb skond il-pjanti li kellu. Lanqas ma kien f’pozizzjoni jindika *on plan* fejn intlaqat il-cable.
f) Jikkonferma illi jekk il-hsara tal-cable grat fil-punt fejn immarka Agius fuq il-pjanta a fol. 95, dan il-cable ma kienx immarkat minnu. Dan ix-xhud jissokta jghid anzi *ad verbatim* illi **“Wara li nqala` l-incident jiena mort on site u nghid il-post fejn saret il-hsara ma kienx immarkat minni u nghid, anzi nghid il-post fejn saret il-hsara <u>kien il-boghod fejn immarkat jien”.</u>**

Illi b’dikjarazzjoni simili maghmula mill-persuna li fizikament ghan-nom tas-socjeta` attrici mmarkat mnejn kienu ghaddejjin il-cables dan it-Tribunal ma jistax jara kif anke fuq bazi ta` ekwita` jista` jsib xi kolpa da parti tal-haddiema tas-socjeta` konvenuta. Ghal kuntrarju anzi, jidher li s-socjeta` konvenuta mxiet bil-galbu sew skond il-permessi u hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex ma taghmilx hsara. X’negligenza tista` tattribwilha jekk il-cable li ntlaqat kien il-boghod fejn immarka r-rapprezentant tas-socjeta` attrici stess.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, kwindi jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------